

1920-2010
90 Sena Soċjetà



# Sunett bit-Taljan ta' Dun Karm Psaila dwar il-Lunzjata

Alfred Massa



## L'Annunziata

*Nunzio di pace un cherubin celeste*
*Dalle sideree piagge a noi scendea,*
*Era din eve l'ondeggiante veste,*
*Dell'iride l color nell'ali avea.*

*Guidò il remeggio delle penne preste*
*All'eletta dal ciel Fanciulla ebrea;*
*Madre di Dio la salutò, modeste*
*Poi voles al suol le luci ed attendea.*

*Disse Maria: Si faccia. E dal superno*
*Tetto regal, più che pensier veloce,*
*S'ascose nel suo seno il Verbo eterno.*

*Oh gran parola, che dal rio servaggio*
*Sciolse il figliuolo della polve! Oh voce,*
*Che sola al Creator fa degno omaggio!*

Dun Karm Psaila, il-Poeta Nazzjonali tagħna (1871-1961), beda jikteb l-ewwel versi tiegħu bit-Taljan. Dawn jinsabu miġburin fil-ktieb li jġib l-isem ***Foglie d'Alloro***, ippubblikat fl-1896 mill-editur Alessandro A. Farrugia u stampat għand Giovanni C. Dimech, il-Belt Valletta.

Interessanti f'dan il-ktieb huwa l-*Prologo* tiegħu fejn Dun Karm, fost ħwejjeġ oħra, jagħmel żewġ punti li għandhom ċerta relevanza ma' din il-kitba. L-ewwelnett, huwa juri l-għoġba tiegħu għall-poeżija klassika. Jgħid ċar u tond li jħossu miġnun warajha (*impazzire della divina arte del canto*). Naturalment, dan kien riżultat tal-qari tiegħu ta' xogħlijiet li ħarġu mill-pinen ta' kittieba bħal Dante, Vergilio, Milton, Shakespeare u oħrajn. It-tieni punt huwa l-istqarrija tal-poeta-saċerdot dwar l-imħabba li kellu lejn il-Kotba Mqaddsa.

Mhux il-ħsieb tiegħi li nidħol fid-dettall ta' dak kollu li kiteb Dun Karm f'dan ir-rigward, għax l-idea ta' din il-kitba hi marbuta mas-sunett ***L'Annunzjata*** li jinsab stampat fil-Ġabra poetika ***Foglie d'Alloro***. Imma rrid ngħid li Psaila mhux l-ewwel darba li wera fil-miftuħ imħabbtu lejn il-Madonna u f'dan il-ktieb, minn 37 poeżija, insibu ħamsa minnhom li jittrattaw temi differenti marbutin magħha. Hawn għandna: ***Maria Immacolata, La Natività di Maria, L'Annunziata, A Maria Addolorata*** u ***L'Assunzione.*** Dawn huma kollha kwadri mill-ħajja ta' Ommna Marija.

## L'Annunziata

Ta' min ifakkar li Dun Karm, bħal ħafna poeti ta' żmienu, kellu fih kultura kollha kemm hi Taljana. Tant hu hekk, li għalkemm niseġ numru sabiħ ta' sunetti, dawn kollha għandhom it-timbru tas-*sunett Taljan* jew aħjar *Patrarkjan*, peress li dan it-tip ta' sunett kien ivvintah Francesco Petrarca (1304-1374). Monument sabiħ u maestuż ta' dan il-poeta jinsab fil-belt ta' Arezzo, ftit passi bogħod mill-katidral tal-lokal.

Kif wieħed jista' jara, is-sunett ***L'Annunziata*** għandu żewġ kwartini u żewġ terzini bir-rima



ABAB, ABAB, CDC, EDE. Rigward it-tul tal-versi, dan ivarja minn dak endekasillabu kif aħna mdorrijin naraw fis-sunett tradizzjonali tagħna.

Dun Karm jibni l-ħsieb tiegħu fuq il-Vanġelu ta' San Luqa fejn l-evanġelista jagħti rakkont dettaljat tat-tħabbira ta' Gabriel lil Marija (Kap 1, versi 26-38). Fl-aħħar terzina mbagħad il-poeta jagħmel ir-riflessjonijiet tiegħu.

Rigward l-ewwel kwartina, din tlaqqagħna mad-deskrizzjoni li Dun Karm jagħtina dwar l-anġlu Gabriel li jsejjaħlu *Cherubin celeste*. Dan l-anġlu daħal fid-dinja tagħna b'messaġġ ta' paċi, għax il-Messija kellu jiġi biex jirrikonċilja l-umanità miġġielda m'Alla wara d-dnub tal-ewwel ġenituri tagħna ġewwa l-Eden.

Dun Karm juża diversi aġġettivi biex jiddeskrivi lil Gabriel. Huwa jimmaġinah li deher quddiem it-tfajla Lhudija bi ġwienaħ ilellxu u jkanġu bħall-ilwien tal-qawsalla. Ilbiesu kien abjad daqs is-silġ.

It-tieni kwartina titkellem dwar il-Madonna, it-tfajla magħżula minn Alla - *eletta dal ciel* - biex tkun Omm il-Feddej. Gabriel sellmilha b'tant qima u b'reverenza waqt li stenna ħerqan it-tweġiba tagħha.

Fl-ewwel terzina mbagħad tasal din it-tweġiba tant mistennija mill-bnedmin. *Si faccia!* Ħa jsir minni skont il-messaġġ li wassaltli, tlissen Marija lill-anġlu. F'dak il-mument għażiż għalina lkoll, fil-ġuf safi tat-tfajla Lhudija, inkarnat it-Tieni Persuna tat-Trinità Qaaddisa. Hawn jinsab il-qofol taż-żjara ta' Gabriel ġewwa Nazaret; hawn hu l-qofol tal-misteru tal-Inkarnazzjoni.

Mhux ta' b'xejn fl-aħħar strofa jew terzina Dun Karm jesprimi l-għaġeb tiegħu għall-kobor tal-kelma *Fiat* li ħarġet minn fomm Marija. Huwa jsejħilha *gran parola* għax kien proprju permezz ta' dik il-*Fiat* li l-Ħallieq seta jwettaq il-wegħda li kien għamel ġewwa l-Eden wara l-waqgħa ta' Adam u Eva. Il-poeta jsejjaħ l-aċċettazzjoni tal-Madonna "omaġġ denn" lill-Mulej. Issa l-umanità setgħet tinħall mill-ktajjen tal-jasar u tintrefa' 'l fuq mit-trab tal-art għall-wirt tas-Sema.

Ta' min jgħid li l-istess ħsieb li jinsab f'dan is-sunett, Dun Karm esprimieh fil-poeżija bil-Malti ***Angelus***.

Nagħlaq billi ngħid li b'ilsienna wkoll il-poeta niseġ Innu bl-isem ***Innu ta' Ferħ***. Dan kellu jitkanta waqt il-purċissjoni tal-Lunzjata li ssir fil-parroċċa ta' Ħal Tarxien.

Fil-fatt, dan l-Innu, immużikat minn Mro Joseph Casapinta li għamel żmien relattivament twil bħala *maestro di cappella* tal-istess parroċċa, għadu jitkanta sal-lum fil-jiem tan-Novena. L-Innu nkiteb fis-6 ta' Jannar 1936.